**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 53

Laqgħa B'Urġenza tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa B'Urġenza tal-Kunsill Lokali numru 53 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 13 ta'Settembru 2022, fil-4:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 9 ta' Settembru, 2022
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

Onlajn:

- Daryl Connor Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier

Skużat:

- Anthony Delia Kunsillier

Assenti:

- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-16.30.

**53.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mill-Kunsillier Anthony Delia

**53.2 Ħaddiema klerikali**

**53.2.1 Nota ta' riżenja minn skrivan (M.M) skala 15**

Fit-27/08/2022 il-Kunsill irċieva r-riżenja mingħand l-iskrivan b'inizzjali M.M. fi skala 15 b'effett min 2/09/2022.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa, li M.M l-aħħar li rraporta għax-xogħol kien fi 29/08/2022. Il-kuntratt tax-xogħol Artiklu 2.04 jgħid hekk:

*"Either party may by mutual consent or by giving ninety (90) days written notice to the other party, terminate this Contract without fault or liability. The period of notice shall begin to run from the date on which it is received at the administrative office of the Council. The party failing to give such written notice shall be liable to pay the other party an amount which shall be equivalent to the salary that would have been payable 'pro rata' for the unexpired period of notice."*

Qal li M.M kien ilu kważi 3 snin fl-impjieg mal-Kunsill, fejn hu ma żammx mad-data tar-riżenja u ma tgħax 'handover' ta' xogħol pendenti kif mistenni.

Il-Kunsillier Anne Marie Fenech ressqet mozzjoni biex jintalab ħlas tan-Notice skont kif iddettat mill-kuntratt. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja
Il-kunsill approva nem.con.

**53.2.2 Rapport Inġaġġ ta'skrivani skala 15 notch 3**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa, li f'din is-sejħa l-Kunsill seta' jimpjega sa massimu ta' 2 skrivani. Fid-dawl tar-riżenja ta' M.M. id-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva l-ingaġġ tat-tielet persuna f'din is-sejħa. Applikaw 13 il-persuna, fejn 8 kienu eleġibli. L-interview inżamm nhar il-5 ta' Settembru 2022 u 5 applikanti ġabu biżżejjed marki u għaddew mill-interview. Għaldaqstant il-Bord ta' l-Għażla pprona li jiġu ngaġġati l-ewwel 3 applikanti skont l-orndi ta' mertu.

Is-Sindku ppropona li kemm il-darba l-persuni ma jaċċettawx jew ma jibqawx fl-impjieg tinħareġ sejħa oħra mill-ġdid.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ippropona li r-rapport jiġi approvat hekk kif tressaq u li tiġi approvata l-proposta tas-Sindku. Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con

Il-Kunsillier Paul Bugeja ippropona li minħabba l-fatt li qed ikun hemm diversi sejħiet għal

ingaġġ ta' ħaddiema, id-deċiżżjonijiet meħuda mill-Bord ta' l-Għażla għandhom jiġu attwata b'mod immedjat. Dan diment li l-membri kollha ta' l-istess Bord ikunu preżenti u qablu unanimament dwar ir-rakomandazzjonijiet tagħhom.
Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.

l-Kunsill approva l-mozzjoni u li din tiġi riferuta lid-DLG.

**Approvati fit-22 ta' Settembru, 2022**

IFFIRMATA

Alfred Grima
Sindku

IFFIRMATA

Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv